II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 81/2013

tad-29 ta' Jannar 2013

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 fir-rigward tal-fajls tal-mikrodejta għat-trażmissjoni tad-dejta

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 9(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni aġġornata hija ċentrali għall-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tinżamm ir-rilevanza tal-istatistiċi Ewropej, billi jitqiesu l-iżviluppi u t-tibdil fil-qasam tal-edukazzjoni.

(2) L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (Unesco) irrevediet il-verżjoni tal-Istandard Internazzjonali għall-Klassifikazzjoni tal-Edukazzjoni (ISCED) li ntużat sa issa (ISCED 1997) bl-iskop li jkun żgurat li hija konsistenti mal-iżviluppi fil-politiki u l-istrutturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

(3) Il-bżonn għall-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika tal-edukazzjoni jitlob li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jużaw klassifikazzjonijiet tal-edukazzjoni li huma kompatibbli mal-verżjoni riveduta tal-Istandard Internazzjonali għall-Klassifikazzjoni tal-Edukazzjoni ISCED 2011 (ISCED 2011), kif adottata mill-Istati Membri tal-Unesco fis-36 Konferenza Ġenerali f'Novembru 2011.

(4) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 [2] għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1051/2011 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17.

[2] ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13.

ANNESS

Id-deskrizzjoni tal-kolonna 80 (Livell edukattiv) tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 tinbidel b'dan li ġej:

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
"80		**Il-livell edukattiv milħuq**	Varjant mhux obbligatorju, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojta"
	1	Mhux aktar minn livell sekondarju baxx (ISCED 2011 livelli 0-2)	
	2	Skola sekondarja għolja u post-sekondarja (mhux terzjarja) (ISCED 2011 livelli 3 u 4)	
	3	Terzjarja (ISCED 2011 livelli 5-8	